

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: S. Seyr u G. Corstens, aġenti), Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. F. Jensen, M. Bauer u R. Meyer, aġenti)

#### Dispożittiv

- 1) *L-appell huwa miċħud għaliex, parzjalment, manifestament inammissibbli u, parzjalment, manifestament infondat.*
- 2) *Dominique Bilde hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 161, 07.05.2018.

---

#### Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-6 ta' Settembru 2018 – Sophie Montel vs Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-84/18 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell — Ammissibbiltà — Parlament Ewropew — Leġiżlazzjoni dwar l-ispejjeż u l-kumpens tad-deputati fil-Parlament Ewropew — Kumpens għal assistenza parlamentari — Irkupru tas-somom imħallsa indebitament)*

(2018/C 399/20)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

*Appellanti:* Sophie Montel (rappreżentant: G. Sauveur, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: S. Seyr u G. Corstens, aġenti), Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. F. Jensen, M. Bauer u R. Meyer, aġenti)

#### Dispożittiv

- 1) *L-appell huwa miċħud bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment infondat.*
- 2) *Sophie Montel hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 161, 07.05.2018.

---

#### Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tas-6 ta' Settembru 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Visoki upravni sud – il-Kroazja) – Hrvatska banka za obnovu i razvitak (HBOR) vs Povjerenik za informiranje Republike Hrvatske

(Kawża C-90/18) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 53(2) u Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Assenza ta' dettalji suffiċjenti fir-rigward tal-kuntest fattwali u regolatorju tat-tilwima fil-kawża prinċipali kif ukoll tar-raġunijiet li jiġġustifikaw il-ħtieġa ta' risposta għad-domandi preliminari — Inammissibbiltà manifesta)*

(2018/C 399/21)

Lingwa tal-kawża: il-Kroat

#### Qorti tar-rinviju

Visoki upravni sud

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Hrvatska banka za obnovu i razvitak (HBOR)

Konvenut: Povjerenik za informiranje Republike Hrvatske

fil-preżenza ta': Hrvoje Šimić

**Dispożittiv**

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Visoki upravni sud (il-Qorti Amministrattiva tal-Appell, il-Kroazja), permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Frar 2018, hija manifestament inammissibbli.

(<sup>1</sup>) ĠU C 134, 16.4.2018.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-6 ta' Settembru 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Central Administrativo Sul) – il-Portugall – Fazenda Pública vs Carlos Manuel Patrício Teixeira, Maria Madalena da Silva Moreira Patrício Teixeira**

(Kawża C-184/18) (<sup>1</sup>)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Tassazzjoni diretta — Artikolu 18 TFUE — Prinċipju ta' non-diskriminazzjoni — Artikoli 63, 64 u 65 TFUE — Moviment liberu tal-kapital — Piż fiskali ikbar fuq il-qligħ kapitali mill-proprjetà mwettaq minn persuni mhux residenti — Restrizzjonijiet fuq il-movimenti tal-kapital lejn jew minn pajjiż terz)

(2018/C 399/22)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Central Administrativo Sul

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Fazenda Pública

Konvenuti: Carlos Manuel Patrício Teixeira, Maria Madalena da Silva Moreira Patrício Teixeira

**Dispożittiv**

Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta l-qligħ kapitali li jirriżulta mit-trasferiment, minn persuna residenti fi Stat terz, ta' proprjetà immobbli li tinsab f'dak l-Istat Membru għal piż fiskali ikbar minn dak li jiġi applikat għal dan l-istess tip ta' tranżazzjoni fuq il-qligħ kapitali mwettaq minn persuna residenti tal-imsemma Stat Membru tikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital li, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, ma taqax taħt l-eċċezzjoni prevista mill-Artikolu 64(1) TFUE u ma tistax tkun iġġustifikata mir-raġunijiet previsti fl-Artikolu 65(1) TFUE?

(<sup>1</sup>) ĠU C 182, 28.05.2018